MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Numru. 458/2000

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)
vs
Lawrence Falzon

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Lawrence Falzon, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 349668 (M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli fid-9 ta' Mejju, 1997 u matul is-snin precedenti bhala detentur tal-fond Michael Store Triq id-Drama Hal-Qormi, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser gimni tas-servizz elettriku cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum elettriku jew li bihom seta waqqaf jew biddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq tal-kurrent elettriku li l-valur

tieghu jammonta ghal aktar minn LM 100 izda anqas minn LM 1,000, liema serq hu aggravat bil-mezz, valur u hin ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta;

Barra minn hekk talli matul l-istess perjodu ikkaguna hsara volontarja fl-imsemmi meter li tammonta ghal LM 6 ghad-dannu ta' l-istess Korporazzjoni;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procedimenti;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fid-9 ta' Mejju, 1997 il-pulizija kienu ircevew rapport fl-ghassa tal-pulizija minghand is-Sur Anthony Sapiano, Technical Officer mal-Korporazzjoni EneMalta illi waqt illi kienu qeghdin jaghmlu spezzjoni fil-fond Michael Store, Drama Street Qormi kienu sabu li l-meter tad-dawl ta' dan il-fond kien gie imbaghbas u ghaldaqstant kienet saret Inkjesta Magisterjali.

Illi fil-cover tal-meter tad-dawl in kwistjoni kienu instabu tlett toqob, kienu instabu wkoll diversi grief mar-“rotating disk” tal-meter u Philip Zammit, l-espert tekniku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti kien ikkonkluda illi kien irrizulta ampjament illi qabel ma gew mizduda t-toqob kollha li kien hemm fil-cover tal-meter tad-dawl in kwistjoni il-meter tad-dawl kien jigi imbaghbas, fis-sens illi mit-toqob li kien hemm fil-cover tieghu kienu jiddeffes xi oggett irqiq u bil-ponta li kien jimpedixxi d-disk tal-meter milli idur u b'hekk ma jigix registrat il-konsum ta' l-elettriku kollu li kien qieghed jinhela mill-istess hanut.  B'dan it-tbaghbis il-meter in ezami saritlu hsara ta' sitt liri (LM 6).

Illi irrizulta mill-provi illi meta sar it-tbaghbis fil-meter tad-dawl in kwistjoni l-imputat fuq imsemmi kien responsabbli ghall-meter tad-dawl in kwistjoni u ghaldaqstant il-Qorti tara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi u ghaldaqstant il-Qorti qeghda issib lill-imputat fuq imsemmi hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261 (b), 261 (c), 261 (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 283, 17 (2), 325 (1) (d) tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta u ghaldaqstant tara illi piena karcerarja ma tkunx idoneja ghall-akkadut u jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, filwaqt illi tilliberah, taghmel dan bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------